MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 368/2009

Kawza fil-lista: 15

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor A Busuttil u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno**
**nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu kien izzewweg lill-konvenuta assenti fl-20 ta' Mejju 2003; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-partijiet isseparaw de facto u l-konvenuta siefret minghajr ma' l-esponent jaf fejn hi;  li z-zwieg huwa null stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][c][d][f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; u

ghaldaqstant talab li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz, filwaqt li rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta assenti fl-20 ta’ Mejju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikolu fuq indikat.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attur, cittadin malti, izzewweg lill-konvenuta assenti, cittadina cekozlovakka, wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal ftit taz-zmien. Dak iz-zmien l-attur kellu circa 24 sena, filwaqt li l-konvenut kellha circa 26 sena.

Il-partijiet izzewwgu fuq insistenza tal-konvenuta peress li dina kellha problema bil-viza. L-attur jghid li “hi kienet tghamilli pressjoni sabiex nizzewwgu ghax ma setghetx tahdem.”

Wara z-zwieg, hekk kif il-konvenuta bdiet tahdem dina “riedet qisa’ tghix ghaliha … ma riedet taqsam xejn …. u bdejna qisna nghixu hajja ta’ separati …. Wara xi ftit zmien fiz-zwieg, hi bdiet tohrog waheda.” Eventwalment hi dahlet f’ “relazzjoni ma’ ragel iehor u marret tghix mieghu, u spicca li hija telqet minn Malta ghal dejjem.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta assenti l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta car u manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali da parti taghha, hi eskludiet li tikkonvivi ma’ l-attur fil-hajja konjugali, f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miluqgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Mejju 2003.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------